# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 2**

**Rikors Numru 1129/2019**

**John Baptist Aquilina u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2021 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria Lourdes Aquilina stante l-mewt ta' John Baptist Aquilina fil-mori tal-kawża u b'digriet tas-26 ta' Ġunju 2024 il-ġudizzju ġie trasfuz f'isem Charles Aquilina, Diana Scicluna u Michelle Aquilina stante l-mewt ta' Maria Lourdes Aquilina fil-mori tal-kawża**

**vs**

**(1) Maria Lourdes Farrugia**

**(2) Heidi Sciberras u zewgha Julian Sciberras, u**

**(3) Marlene Montebello**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' John Baptist Aquilina li miet fil-mori tal-kawża u li daħlu floku fil-Kawża uliedu Charles, Diana u Michelle aħwa Aquilina (L-

Atturi) tas-26 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu kien ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrent u Maria-Lourdes Farrugia huma ahwa, filwaqt li Heidi Sciberras u Marlene Montebello huma uliedha mizzewgin.
2. Illi peress li r-rikorrent huwa l-uniku iben superstiti, huwa dejjem ha hsieb it-tliet hutu bniet, jigifieri Catherine sive Katie Aquilina, xebba, li mietet fis-16 ta' Awissu 2011 u Bernardette Aquilina, xebba, li mietet fl-20 ta' Lulju 2016, u l-intimata Maria-Lourdes li zzewget lil Lorenzo Farrugia fl-1965. Fi kliem dan ta' l-ahhar, ir-rikorrent kien qiesu t-tieni missier ghalihom lkoll.
3. Illi b'hiltu u bir-rieda altruwista tar-rikorrent, hutu bbenefikaw mill-hanut li kien taz-zija taghhom, il-mejta Mikelina Magri, u ghal madwar 28 sena r-rikorrent pogga a dispozizzjoni taghhom partijiet mid-dar tieghu, spazju d-daqs ta' xarabank, ghall-uzu bhala mahzen ghall-merkanzija tal-hanut tal-household goods, li l-licenzja tieghu dawwarha minn fuq Mikelina Magri ghal fuq Bernardette Aquilina. Barra minn hekk, ir-rikorrent ha hsieb il-kotba tan-negozju, ir-returns u l-hlas tal-VAT u tat-taxxa, u dak kollu mehtieg ghall-imsemmi hanut.
4. Illi fis-sena 2003, precizament fis-17 ta' Mejju 2003, kemm Bernardette Aquilina kif ukoll Catherine Aquilina *minn jeddhom* ghamlu t-testment taghhom ghand in-Nutar Dr Joseph Debono, u biex juru l-gratitudni taghhom lejn ir-rikorrent innominawh bhala eredi taghhom flimkien ma' ohthom Maria-Lourdes, l-ewwel intimata.
5. Illi malli l-intimati Heidi Sciberras u Marlene Montebello saru jafu bl-ezistenza tat-testmenti rispettivi ta' Catherine u Bernardette ahwa Aquilina, l-intimati Heidi Sciberras u Marlene Montebello ddecidew li jimpedixxu lir-rikorrent milli jersaq lejn id-dar ta' ommu sabiex jizolawh u jifirduh kompletament minn ma' hutu Catherine u Bernardette. Meta f'okkazzjoni minnhom ir-rikorrent mar izur il-qrabatu fid-dar ta' ommu 83, Triq il-Kbira, Qrendi, Julian Sciberras hedded lir-rikorrent li ried iqattghu bicciet u tefaghlu r-rota b'daqqa ta' sieq f'nofs it-triq, sakemm wiehed mill-girien sejjah lir-rikorrent biex imur jigborha minn nofs it-triq peress li kien ra lill-intimat Julian Sciberras jaghtiha daqqa ta' sieq u jitfaghha hemm.

6. Illi aghar minn hekk, meta r-rikorrent fl-okkazzjoni meta ohtu Bernardette Aquilina kienet waslet fl-ahhar jiem ta' hajjitha peress li mardet, mar id-dar ta' ommu biex jaraha ghall-ahhar darba, l-intimata Heidi Sciberras hebbet ghalih, u dan quddiem ibnu Charles Aquilina.
7. Illi l-istess gara meta r-rikorrent fl-okkazzjoni meta ohtu Catherine Aquilina kienet waslet fl-ahhar jiem ta' hajjitha, mar id-dar ta' ommu biex jaraha ghall-ahhar darba, l-intimata Heidi Sciberras regghet ippruvat thebb ghalih, u dan quddiem ix-xhieda.
8. Illi z-zewg zijiet sfaw kompletament mahkuma mill-intimati li rnexxielhom jizolawhom minn ma' r-rikorrent u setghu jghidulhom kull xorta ta' qlajja fuqu, meta kienu huma stess li kienu qeghdin izommuh `il boghod minnhom. Bl-istess mod, l-intimati Heidi Sciberras u Marlene Montebello qeghdin jahkmu lil ommhom l-intimata Maria Lourdes Farrugia u jzommuha milli zzomm relazzjonijiet tajba ma' huha John Aquilina.
9. Illi fis-sena 2007 l-intimati Sciberras u Montebello rnexxielhom tant jahkmu lil Bernardette u lil Catherine ahwa Aquilina illi dawn gew imgeghelha jhassru t-testment liberu taghhom tal-2003 u sfurzati u kostretti jaghmlu testment iehor gdid li fih l-unika werrieta tkun ommhom l-intimata Maria Lourdes Farrugia, ad eskluzjoni tar-rikorrent huhom.
10. Illi l-intimata Maria Lourdes Farrugia, li tigi ommhom, tant taf dwar l-agir illegali u skandaluz ta' wliedha Heidi u Marlene illi hija stess, bil-mohbi, recentement tat cheque ghas-somma ta' EUR 50,000 lir-rikorrent biex tipprova ssiktu wara li rceviet ittra mibghuta lilha fl-10 ta' Ottubru 2018. Tant ghandha temerita` minn uliedha illi Maria Lourdes Farrugia ziedet tghidlu biex ma jghid xejn liz-zewg uliedha.
11. Illi din l-imgiba hazina perdurata hadu sehem fiha l-intimati Heidi u Julian mizzewgin Sciberras u Marlene Montebello, kif ukoll il-mejjet Lawrence Farrugia, u l-uniku ghan taghhom kien biex jimpedixxu lir-rikorrent milli jzomm relazzjoni tajba ma' hutu u jkollu access ghalihom. B'hekk japplika ghal kull wahda mill-intimati dak li hemm mahsub fl-Artikolu 605 (1) (c) tal-Kodici Civili billi l-intimata Maria Lourdes Farrugia nhatret werrieta universali miz-zewg hutha Catherine u Bernardette bis-sahha ta' testment li huma kienu mgeghelha jaghmlu favuriha b'koerzjoni u qerq da parti ta' l-

intimati Heidi u Marlene, li kienu certi li kollox ser jispicca ghandhom meta huma jirtu lil ommhom l-intimata Maria Lourdes.

12. Illi minn dan kollu premess u kif ser jirrizulta matul il-kawza, Bernardette Aquilina u Catherine Aquilina, gew mahkuma u kkontrollati bis-shih mill-konvenuti u mgeghla jbiddlu t-testmenti rispettivi taghhom. Li kieku ma kinitx ghal dina l-hakma li l-intimati Heidi Sciberras u Marlene Montebello pprattikaw b'malafede kbira fuq l-imsemmija zewg zijiet taghhom, dawn ma kienux ibiddlu d-dispozizzjonijiet testamentarji precedenti taghhom u jhallu barra lil huhom li tant ghamel gid maghhom lkoll illi kienu jqisuh bhala t-tieni missierhom. Iz-zewg zijiet kellhom icedu ghall-oppressjoni da parti tal-intimati bl-istess mod billi nzammu taht il-kontroll taghhom.

13. Illi b'danakollu, il-valur tal-assi ereditarji tal-mejta Bernardette Aquilina u tal-mejta Catherine Aquilina jeccedi sew is-somma ta' EUR 50,000 imnizzla fic-cheque mahrug minn Maria Lourdes Farrugia biex tipprova taghlaqlu halqu wara l-ittra tal-10 ta' Ottubru 2018.

14. Illi Maria Lourdes Farrugia, interpellata permezz ta' ittra ufficjali tal-1 ta' April 2019, mhux biss baqghet inadempjenti izda wkoll lanqas biss irrispondietha.

**Talbiet**

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi Bernardette u Catherine ahwa Aquilina gew imgeghla jbiddlu u jirrevokaw it-testmenti taghhom tas-17 ta' Mejju 2003 u jaghmlu t-testmenti taghhom tas-27 ta' Awissu 2007 b'rizultat ta' koerzjoni, maneggi u qerq billi huma kienu mahkuma u taht il-kontroll tal-intimati u b'hekk irrendew ruhhom hatja ai termini tal-Artikolu 605 (1) (c) tal-Kodici Civili.
2) Tiddikjara illi t-testmenti tas-27 ta' Awissu 2007 nulli u bla effett billi ma jirrapprezentawx il-volonta` libera taz-zewg testaturi izda l-volonta` tal-intimati li hakmuhom.
3) Tillikwida l-assi ta' kull wahda mit-testaturi.
4) Tordna illi l-assi taz-zewg testatuti Bernardette u Catherine ahwa Aquilina jigu disposti skont it-testmenti precedenti taghhom maghmul(in) minnhom

liberament fis-17 ta' Mejju 2003, jigifieri, nofs lill-intimata Maria Lourdes Farrugia u n-nofs l-iehor lir-rikorrent John Aquilina.

5) Tinnomina Nutar biex jircievi l-att ta' divizjoni u tahtar kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta' divizjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' April 2019, kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Maria Lourdes Farrugia, Heidi Sciberras u żewġha Julian Sciberras u Marlene Montebello (il-konvenuti) li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

"Illi qabel xejn l-intimati Heidi Sciberras, zewgha Julian Sciberras u Marlene Montebello ma humiex il-legittimi kontradditturi fl-azzjoni odjerna u dan peress li fost ragunijiet diversi huma ma humiex werrieta ta' Catherine sive Katie u Bernardette ahwa Aquilina;

Illi fil-mertu huma jirrespingu l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fil-premessi u anke t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz huwa biss l-istess rikorrent li gab ruhu b'mod illegali u abbuziv mhux biss mal-istess defunti hutu u hut l-intimata Maria Lourdes Farrugia izda anke ma' l-istess Maria Lourdes Farrugia stess u ma' uliedha intimati l-ohra Heidi Sciberras u ohtha Marlene Montebello kif ukoll mal-istess Julian Sciberras;

Illi dan ghandu jirrizulta mhux biss mix-xhieda taghhom kif korroborata minn xhieda ta' terzi izda wkoll kif korroborat b'azzjonijiet u dokumentazzjoni relatata li saru *a tempo vergine* u mhux *post facto*.

Illi anke c-cekk tal-BOV numru 123 mahrug mill-intimata Maria Lourdes Farrugia, kif ser jigi ppruvat, inhareg u gie mghoddi lill-istess rikorrenti minhabba Minacci u / jew biza u / jew kontroll u / jew pressjoni zejda u / jew illegittima li l-istess rikorrenti ghamel fuq l-esponenti ohru Maria Lourdes Farrugia;

Illi hekk kif uliedha l-intimati l-ohra indunaw li hija kienet kostretta tghaddi dan ic-cekk sar rapport lill-pulizija *a tempo vergine* hafna qabel ma sar maghruf li nbdew dawn il-proceduri;

Illi sahansitra din l-attitudni ta' kontroll, manipulazzjoni u ta' tnissil ta' biza giet anke perpetwata 'b'mod legali' fl-ewwel seduta tal-Qorti tal-kawza kriminali li saret kontra r-rikorrenti fil-21 ta' Jannar 2020 meta r-rikorrenti tramite l-avukat tieghu pprova jaghti parir lill-intimata Maria Lourdes Farrugia sabiex bhala 'parte civile' taghzel li ma tixhidx peress li tista' skont hu tinkrimina ruhha;

Illi l-verita` hija li l-unika raguni ghalfejn l-intimata Maria Lourdes Farrugia ghaddiet ic-cekk imsemmi lir-rikorrenti kien(et) ghaliex l-istess rikorrenti nissel bizzejjed biza fiha li jista' jaghmel il-hsara anke possibilment fizika lill-intimati l-ohra uliedha partikolarment Heidi;

Illi li kieku ma kienx hemm l-attitudni u mgieba abbuziva perpetwata anke minn zmien li kienu ghadhom hajjin hut l-intimata Maria Lourdes Farrugia (imsemmijin aktar `il fuq), fuqha u anke fuqhom stess, l-intimata Farrugia ma kinitx tghaddi c-cekk lir-rikorrenti bit-tama biss li ma jinqalax inkwiet u jhalliha fil-paci;

Illi ghalhekk kif ser jigi ppruvat dan jikkonsisti f'koerzjoni u ggib fix-xejn u tannulla kull kostituzzjoni ta' prova li c-cekk b'xi mod jikkostitwixxi xi (SIC) tad-drittijiet u / jew obbligi u / jew l-allegazzjonijiet perpetwati anke f'din il-kawza mir-rikorrenti;

Illi l-intimata bl-ebda mod ma taccetta li hija ghandha jew kellha xi obbligu taghmel dan u / jew li tirrikonoxxi jew qieghda tirrikonoxxi b'xi mod li r-rikorrenti kellu jew ghandu ragun f'li qieghed ighid u / jew li b'xi mod accettat jew qieghda taccetta li hija u / jew uliedha u / jew xi hadd iehor seta' kienu strumentali u / jew incizivi biex Catherine sive Katie u Bernardette ahwa Aquilina ibiddlu t-testment datat 17 ta' Mejju 2003;

Illi l-ghotja tac-cekk li saret taht il-biza percepit(a) kif fuq spjegat, kien gest li sar b'sens intiz li tehles minn dik il-pressjoni u biza;

Illi malli l-intimata fehmet li r-rikorrenti ma kienx ser jieqaf hemm u baqa' jaghmel pressjoni u jivvessa  u jdejjaq lilha u lil uliedha u malli ppercepiet li r-rikorrenti anqas ipprezenta c-cekk biex jissarraf, hija hasset kif assistita u sopportatha minn uliedha li kienet gustifikata li tirtira tali cekk;

> Illi ghal dawn ir-ragunijiet indikati u ta' ohrajn li ghad jistghu jissussistu, l-intimati qeghdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha jew jekk jidhrilha aktar xieraq, liema minnhom, kontenuti fir-rikors promotur bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u jekk jidhrilha xieraq tiddikjara li l-fondi indikati fic-cekk numru BOV numru 123 mhumiex dovuti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors tal-Kawża mill-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Jibda biex jingħad li d-defunt Attur John Baptist Aquilina jiġi hu l-konvenuta Maria Lourdes Farrugia u z-ziju tal-konvenuti l-oħrajn li huma lkoll ulied l-imsemmija konvenuta l-oħra.

Il-kawża titratta żewġ testmenti datati rispettivament 17 ta' Mejju 2003 u 27 ta' Awwissu 2007 li kienu għamlu ħutu u allura ħut il-konvenuta Maria Lourdes Farrugia. Dawn iż-żewġt aħwa kienu Catherine sive Katie Aquilina li mietet fis-16 ta' Awwissu 2011 u Bernardette Aquilina li mietet fl-20 ta' Lulju 2016. Kienu xebbiet u ma kellhomx tfal. Id-defunt jgħid li huwa kien jieħu ħsieb ħutu nkluż il-konvenuta Farrugia, daqs li kieku kien missierhom. Kien jgħinhom f'kollox u f'kull ma kien ikollhom bżonn. Kien joħdilhom ħsieb il-karti tal-ħanut (casa bottega) li kellhom u kif ukoll anke għamel għad-disposizzjoni tagħhom maħżen li kien proprjeta' tiegħu fejn setgħu jaħżnu l-prodotti.

L-Attur jgħid li meta l-imsemmija aħwa bidlu t-tesment tagħhom tas-17 ta' Mejju 2003, lilu qatgħuh minn kollox u dan sar minn wara daharu. Iżda jgħid ukoll, li dawn kienu imġiegħla jibdlu l-ewwel tesment tagħhom kontra l-volonta' tagħhom għaliex kienu mqarrqa mill-konvenuti, illi saħansitra prattikaw maniġġi u użaw koerzjoni sabiex jilħqu l-intenzjoni tagħhom u ċioe' li jaqilgħuh 'l barra u jirtu kollox huma.

Għalhekk qiegħed jagħmel din il-kawża biex iħassar dawn iż-żewġ tesmenti.

**Punti ta' Liġi**

Din hija azzjoni mibnija fuq allegazzjonijiet dwar raġġiri, kaptazzjoni u mezzi illeċiti oħra li jgħarqu l-kunsens tat-testatur. Fi ftit kliem, l-Atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni għat-tħassir ta' testment u dan sabiex jitħassar l-aħħar testment magħmul mit-testaturi fuq imsemmija u għalhekk l-eredita' tagħhom tibqa' regolata bl-ewwel tesment li għamlu.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti ser tgħaddi biex tindirizza l-ewwel talba Attriċi li testwalment tgħid hekk:

"*Tiddikjara u tiddeciedi illi Bernardette u Catherine ahwa Aquilina gew imgegħla jbiddlu u jirrevokaw it-testmenti tagħhom tas-17 ta' Mejju 2003 u jagħmlu t-testmenti tagħhom tas-27 ta' Awissu 2007 b-rizultat ta' koerzjoni, maneggi u qerq billi huma kienu mahkuma u taht il-kontroll tal-intimati u*

*b'hekk irrendew irrrndew ruhhom hatja ai termini tal-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili*".

Issa Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili huwa mmirat lejn dawk, li minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dan l-artikolu *"jitqies bħala mhux denn u, bħala tali, ma jkunx kapaċi biex jirċievi".* Fi ftit kliem, dan huwa artikolu li jħalli t-testment intatt, b'dana li jekk tirrikorri xi waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija f'dan l-artikolu persuna li tkun ġiet nominata bħala werrieta jew ma tkunx diżeridata xorta ma jkunx jistħoqqilha tirċievi bit-testment. Issa f'dan il-każ, ir-raġuni li qed tissemma' hija dik meta persuna li "*ikun ġiegħel, jew bil-qerq ġiegħel lit-testatur biex jagħmel testment, jew biex jagħmel jew ibiddel xi dispożizzjoni testamentarja*".

Differentement mill-każ tad-diseredazzjoni taħt artikoli 622 u 623 tal-Kodiċi Ċivili Malti, fil-każ ta' persuna li ma tkunx denja li tirċievi b'testment taħt artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili, dik il-persuna <u>tiġi eskluża milli tkun benefiċċjarja taħt testment għal xi raġuni li ssemmi l-liġi</u>. L-indenjita' li dak li jkun jirċievi b'testment titnissel minn sanzjoni tal-liġi filwaqt li dik tad-deseredazzjoni titnissel mir-rieda tat-testatur (Ara **Codice Civile Annotato Pescatore e Ruperto; para 463 pg 274; Ed Giuffre' 1978**).

Issa minn eżami tat-testmenti involuti f'din il-Kawża l-konvenuti Heidi Sciberras u Marlene Montebello, la huma indikati bħala eredi, la bħala legatarji jew lanqas għal xi benefiċċju ieħor testamentarju. Għalhekk din il-Qorti ssib li dak li jingħad fl-ewwel talba hija nkomprensibbli legalment

għaliex fil-waqt li qed jintalab it-tħassir tat-tieni testment fl-istess ħin qiegħed ikun invokat l-Istitut tal-indenjita' li jħalli t-testment integru. Għal din il-Qorti, kif hija konfezzjonata l-ewwel talba hemm element ta' kontradizzjoni ġuridika ta' l-inqas żgur fil-konfront tal-konvenuti Heidi Sciberras u Marlene Montebello.

B'dana kollu, stante li hemm ukoll il-konvenuta l-oħra Maria Lourdes Farrugia li hija eredi, din il-Qorti xorta ser tikkonsidra t-talba għat-tħassir tat-tesment u tibda mill-ewwel biex tosserva, li quddiemha għandha żewġ verzjonijiet li jikkontradixxu lil xulxin. Ħafna mix-xhieda huma ta' ġewwa għalhekk kulħadd ipenġi lin-naħa l-oħra f'dell ħażin. Issa li jrid ikun stabbilit, liema miż-żewġ verżjonijiet hija l-aktar verosimili u l-aktar li għandha mis-sewwa.

F'dan ir-rigward huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li f'każ ta' żewġ verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi tal-prinċipju li onus *probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Anthony Camilleri -vs-Maurice Cauchi et tat-22 ta' Novembru 2002 – Appell Inferjuri**). Dan il-prinċipju japplika b'aktar saħħa meta xi waħda mill-verżjonijiet ma tkunx plawsibbli. Iżda huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni.

Bħala korrollarju proċedurali għal dan il-Qorti tfakkar ukoll li l-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, huwa biżżejjed

li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawża ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet u l-preponderanza tal-provi (Ara Senetnza fl-ismijiet (**Paul Vassallo et v. Carmelo Pace – Appell Ċivili – Vol LXX.II.144**). Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita` ċivili.

Aktar minn hekk sa fejn jirrigwarda talba għat-tħassir ta' testmenti l-prinċipji mħaddna mill-ġurisprudenza lokali huma fis-sens li ser jingħad:

(i) Illi testment huwa preżunt validu u li t-tħassir tiegħu huwa meqjus bħala ħaġa serjissima. It-testatur għandu jitqies li għamel it-testment bil-volonta` sħiħa tiegħu u b'hekk kwalunkwe allegazzjoni a rigward tal-validita` tat-testment trid tiġi ppruvata b'ċertu saħħa u konvinzjoni.

(ii) Illi jingħad ukoll illi "*la captazione… sono i raggiri dolosi adoperati presso il testatore per sorprendere le sue ultime volonta`.*" ( Ara **Laurent – Principi di diritto civile Vol XI para 133**) Inoltre, "*La suggestione e la captazione non costituiscono mezzi propri e speciali per annullare le disposizioni testamentarie; ma sono un ramo ed una dipendenza del dolo che deve servir loro di fondamento.*" (Ara opra ta' **Jean Baptiste Furgole Cap V Sez III n.4**). Il-laurent jgħallem ukoll li "*Bisogna per conseguenza domandare la nullita` non per captazione o suggestione, ma per dolo, provando che il testamento non sia piu` l'espressione della volonta` del decujus, il quale, vittima dei raggiri fraudolenti da cui fu acciecato, ha fatto quello che non avrebbe voluto fare.*" (**Laurent op. Cit. para 133**). Dan il-prinċipju ġie wkoll

abbraċċat fil-ġurisprudenza lokali (ara **Sentenza Tal-PA fl-ismijiet John Pace noe et -vs- Carmela Chircop deċiża fl-4 ta' Ġunju 1964)**

iii) Illi fir-rigward ta' din l-azzjoni biex "l-*għemil qarrieq ikun mottiv ta' nullita` irid jintwera li l-qerq uzat ikun tali li, mingħajru, it-testatur ma kienx jagħmel id disposizzjonijiet testamentarji li fil-fatt għamel. Il-fatt wahdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqgħod għax-xewqa ta' persuna ohra u biex jikkuntentaha ma jitqiesx bhala bizzejjed biex jista' jingħad li tali testment huwa frott il-qerq. Għaliex biex l-impunjattivita` tirnexxi jehtieg jirrizulta li r-rieda tat-testatur giet imdawra minhabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx għall-qerq li twettaq."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet John Agius -vs- Carmelo Agius tal-PA tat-8 ta' Lulju 2004** u kif ukoll id-**Deċiżjoni fl-ismijiet Cachia -vs- Cachia et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar 1957**). Inoltre, f'dawn il-każijiet il-provi għandhom ikunu ċari u konkludenti. Minn dan jirriżulta biċ-ċar li mhux kull żegħil jew suġġestjoni huwa kawża ta' nullita` – irid ikun hemm id-dolo.

Issa l-Qorti eżaminat b'reqqa l-provi emerġenti mill-Kawża u waslet għal żewġ konklużjonijiet: Li l-attur ma rnexxilux iġib provi ċari ta' dak li qed jallega sa fejn jirrigwarda l-volonta' tat-testaturi u li miż-żewġ verżjonijiet dik tal-konvenuti hija aktar attendibbli u għandha aktar mill-verita'.

*Il-mertu*

Il-parti l-kbira tal-provi mressqa mill-Atturi huma kollha deskrittivi tar-rinkrexximent li kellu John Baptist Aquilina li ħutu x-xebbiet bidlu l-ewwel

testment u ħallewh barra. Jirriżulta ċar li dan kien intransiġibilment f'modalita' ta' rifjut (*denial mode*) li ġara dan. Għalhekk beda jirrikorri għal kull xorta ta' pressjoni fuq il-konvenuti wara li mietu x-xebbiet biex il-konvenuta Maria Lourdes Farrugia tasal għal ftehim miegħu. Il-pressjoni li kien qiegħed jagħmlilha sa wassalha li toħroġlu cheque ta' ħamsin elf ewro (€50,000) bit-tama li teħles minnu. Iżda l-anqas dan ma kien biżżejjed u dan kif jirriżulta mill-ittra uffiċjali li kien bagħat lill-konvenuta Maria Lourdes Farrugia jemerġi ċar, li dak li kien qiegħed jagħmel l-Attur kien biex bis-saħħa jieħu dak li jidhirlu li kellu jiret mingħand ħutu x-xebbiet (a' fol 284). L-Atturi bħal donnhom jagħtu x'jifhmu li hi kienet fit-tort. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan, għaliex kollox irid jittieħed fil-kuntest fattwali u ċ-ċirkostanzi tal-każ kif fil-fatt ser naraw.

L-Atturi jipprovaw jagħtu stampa li John Baptist Aquilina kien vittma ta' dak li ġara u li kien bniedem kważi kważi filantropu. Iżda lil din il-Qorti jirriżultalha mod ieħor. Jidher ċar, li kien ossessjonat u li ried l-għelieqi kollha għalih. Kien saħansitra prepara ittra biex jgħaddiha lill-konvenuta Maria Lourdes Farrugia dwar kif xtaq li ssir id-diviżjoni tal-għelieqi ta' Sant Anna u Ta' Palja (a' fol 44). Tikkonferma dan Michelle Aquilina. Anzi ssemmi għalqa oħra tal-Ħofra tal-Maqluba (a' fol 59).

Bint il-mejjet ukoll tgħid li ried l-għelieqi (a' fol 326). Julian Sciberras jikkonferma li meta kien hemm darba li kien qiegħed jieħu qies ta' għalqa u raħ iben John Baptist dan staqsieh x'kien qed jagħmel. Ftit wara ċemplitlu

l-mara tiegħu u qaltlu li kien ċempel John Baptist jgħajjat magħha għax qegħdin jieħdu l-qies (a' fol 174).

John Baptist Aquilina u l-familja tiegħu jagħtu stampa li kienu huma l-vittmi ta' l-agressjoni. Saret emfażi esaġerata dwar episodju meta żewġ il-konvenuta Julian Sciberras allegatament rama' ir-rota tal-imsemmi fit-triq iżda lanqas dan il-fatt ma ġie provat ħlief li xhud ta' dan kien hemm barbier illum mejjet. Fil-fehma tal-Qorti dan l-episodju ma tantx tinċidi fuq is-sustanza ta' l-azzjoni. Pero' huwa wkoll minnu li Charles Aquilina bin John Baptist jgħid, li darba kien presenti meta l-konvenuta Heidi refgħet idejha fuq missieru. Waqqafha hu u l-konvenuta Maria Lourdes (a' fol 46). Diana Scicluna, bint John Baptist ukoll tiftakar din l-okkażjoni (a' fol 51).

Min-naħa l-oħra jirriżulta wkoll li kien sar rapport kontra John Bapstist minn Heidi Sciberras fejn kien qalilha li ser jinxtered id-demm. Meta kellmuh il-Pulizija ma ċaħadx u qal lill-Pulizija li hu kien xtralhom kollox u ħutu x-xebbiet qatgħuh mit-testment (a' fol 103). Sar rapport ta' John Baptist kontra l-konvenuta Heidi Sciberras għaliex ma ħallietux ikellem lil oħtu (a' fol 106). Sar rapport mill-konvenuti kontra John Baptist. Din id-darba ssemma' iċ-cheque ta' €50,000 u saħansitra li meta ċempel lill-konvenuta Heidi Sciberras għaliex ried ikellem lill-ommha, il-konvenuta Maria Lourdes. Hawn semma għal darba oħra li l-kejl tal-għalqa inkwistjoni tal-wirt ma jistax isir għax għad hemm proċeduri quddiem il-Qorti (a' fol 109 u a' fol 174).

Sar rapport minn Marlene Montebello kontra John Baptist li marilha fuq ix-xogħol fejn taħdem u kien ser iħebb għaliha. Ġie eskortat 'l barra mill-messaġier u qalilha "*Issa tkun taf x'ġej għalik*". Dan ammettih mal-Pulizija, pero' dawwarha billi qal dak il-kliem għamlu b'referenza għall-proċeduri legali. Min-naħa tagħha Marlene Montebello wkoll ammettiet li qaltlu biex jitlaq 'l barra għax kienet ser twaddablu xi ħaġa wara li hu qalilha li biex joħroġ 'l barra kellha tgħajjat lill-Pulizija (a' fol 128). Tixhed ukoll li kien għadu kemm mietilha r-raġel u l-Qorti ma għandha ebda dubbju li John Baptist kien jaf b'dan (a' fol 187). Aktar minn hekk it-tifla ta' John Baptist tgħid, li meta mar ikellimha r-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu ħżiena (a' fol 324). Għalhekk huwa ċar li John Baptist kien qiegħed jipprovoka inċidenti inutli.

Julian Sciberras żewġ Heidi, jiftakar inċident fejn John Baptist kien daħal b'saħħa fid-dar ta' ħutu u beda jgħajjat mal-konvenuta Heidi biex ma jġibux tfal hemm ġew u oħtu Catherine bdiet tgħidlu oqgħod kwiet u ħallina bi kwietna (a' fol 169). Dan jgħid ukoll li minn meta daħal għarus jiftakar lil John Baptist dejjem jagħtihom l-inkwiet (a' fol 171) u li darba John Baptist mar fuqu u qallu li l-kunjatu tiegħu kien żibel (a' fol 176 tergo).

Il-konvenuta Heidi Sciberras tixhed li f'okkażjoni minnhom, iz-zijiet tagħha tant ma felħux għalih għax dejjem kien jheddidhom li ser jiġri d-demm, li f'saħna ta' demm marru għand in-nutar biex jagħmlu testment (a' fol 224 tergo u 225). Tirrakonta wkoll, kif kien ġie wara l-bieb ta' zijitha fil-5.30am

meta kienet sejra xogħol l-SGS. Fl-2001 daħal għaliha meta kienet bit-tarbija u żewġha kien qallu biex iħalli lilha u lit-tarbija bil-kwiet (a' fol 227).

L-uniku xhud barrani ċertu Nicholas Zammit, jgħid kif darba l-imsemmi John Baptist kien waqaf bil-karrozza u daħal fil-ħanut u semgħu jgħajjat li ser jiġri d-demm (a' fol 410 tergo u 411). Meta jkollok ħafna xhieda li għandhom interess fil-parti, xhud bħal dan issaħħah is-sewwa. Li kien ser jiġri d-demm kienet f'ħalq John Baptist Aquilina u din tagħti ħafna kredenza l-verzjoni tal-konvenuti, partikularment dik ta' Heidi Sciberras, li kemm -il darba qalet tul il-Kawża li dan kien jieqaf quddiem il-ħanut biex jintimidaha.

L-unika darba li jissemma' l-ingann allegatament prattikat mill-konvenuti biex jikkonvinċu liz-zijiet biex ibiddlu t-tesment jissemma' minn Charles Aquilina, bin John Baptist. Skond dan ix-xhud, dan l-ingann kien jikkonsisti fil-fatt, li l-konvenuti liz-zijiet tambrulhom f'rashom li John Baptist kien raġel ħażin. Iżda dan jgħid ukoll li hu qatt ma semagħhom jgħidu dan u jammetti li dan kollu qed jassumih (a' fol 427 tergo u 428).

Fil-fatt l-allegazzjonijiet tal-Atturi huma kollha kostruwiti fuq konġetturi u assunzjonijiet. Prova tajba ma hiex magħmula minn dawn, iżda minn fatti ta' veru pprovati b'mod konklussiv. Mill-provi kollha mressqa mill-Atturi ma hemm xejn minn dan. Rinkrexximenti u tejoriji konspiratorji hemm kemm trid, iżda dak li għandha quddiemha l-Qorti mhux rumanz, iżda episodju veru tad-demm u l-laħam, ta' tnejn min-nies, li kellhom il-volonta' tagħhom intatta u integra biex jagħmlu testment. Fatt li l-Atturi u l-aventi kawża tagħhom ma jridux jaċċettaw.

Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel talba u anke t-tieni talba għar-raġunijiet fuq imsemmija. Dan ifisser għalhekk li anke l-bqija tat-talbiet ser ikunu miċħuda.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet** kollha Attriċi.

Spejjes tal-kawża għall-Atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**